# Il-protezzjoni u l-libertà fil-ħajja tal-adulti b'diżabilità intellettwali

Ħafna ġenituri ta' adulti b'diżabilità intellettwali, inkluż dawk li għandhom Down Syndrome, isaqsu jekk għandhomx joħolqu ambjent protettiv għal dawn uliedhom, jew jekk għandhomx iħalluhom aktar fil-libertà. Dawn iż-żewġ għażliet jistgħu jidhru kuntradittorji għal xulxin u l-ġenituri jħossuhom f'dilemma. Imma fil-verità l-protezzjoni u l-libertà mhumiex kuntradittorji. L-importanti li wieħed isib mezz kif joffri l-protezzjoni li hemm bżonn filwaqt li ma joħnoqx id-dritt tal-persuna b'diżabilità intellettwali li dak li tagħmel ikun iggwidat mir-rieda u l-preferenzi tagħha nnfisha.

M'hemmx dubju li hemm bżonn ta' protezzjoni fil-ħajja ta' adulti b'diżabilità intelletwali. X'jagħmlu l-ġenituri ta' tfajla b'diżabilità intellettwali li lesta li tgħannaq lil kull min tiltaqa' miegħu u jitbissmilha? Iħalluha toħroġ waħedha jew le? U x'jagħmlu l-ġenituri ta' ġuvni b'diżabilità intellettwali li ma jafx il-valur tal-flus u jaħseb li aħjar ikollu muniti minn karti tal-flus, għax min għalih li aktar ma jkun tqil il-portmoni, aktar għandu flus? Għandhom jafdawlu flus f'idejh? Dawn huma biss żewġ eżempji u m'hemmx dubju li hemm ħafna oħrajn, għax ħafna persuni b'diżabilità intellettwali jkollhom bżonn ta' sapport u gwida anke meta huma adulti. U, fin-nuqqas ta' servizzi ta' assistenza personali adegwati, ir-responsabilità għal dan jaqa' fuq il-ġenituri jew membri oħra tal-familja.





Din is-sitwazzjoni twassal għal riskju ta' protezzjoni żejda, minħabba l-bżonn li jkun hemm li l-persuna tista' tiġrilha xi ħaġa jekk tingħata l-libertà li tixtieq. Imma meta persuna b'diżabilità intellettwali tinżamm f'ambjent magħluq, dan mhux dejjem hu garanzija ta' protezzjoni kontra l-abbuż. Sfortunatament, ħafna nies li jiġu abbużati b'xi mod jew ieħor – għandhom jew m'għandhomx diżabilità – isofru abbuż min-nies li jafuhom u li huma fil-qrib tagħhom. Imma anke jekk ma jkunx hemm abbuż, il-protezzjoni żejda tkompli żżid id-dipendenza tal-persuna fuq ħaddieħor (għad-detriment ukoll ta' min il-persuna tkun dipendenti fuqu) u tmur kontra d-drittijiet u d-dinjità lill-persuna b'diżabilità intellettwali għax toħnoqilha l-opportunitajiet għall-iżvilupp personali u soċjali.

Allura, x'jista' jsir? Hemm diversi modi kif wieħed isib il-bilanċ bejn protezzjoni u libertà. Jekk persuna għandha diffikultà bil-flus, tista' tingħata biżżejjed biex tinqeda u ma jkollhiex toqgħod tittallab għal flus. Jekk persuna hi 'friendly' wisq, tista' tingħata l-possibilità li toħroġ waħedha pereżempju biex tagħmel qadja fil-lokalità tagħha, jew biex tagħmel vjaġġi qosra b'tal-linja. Ħafna drabi, id-differenza bejn protezzjoni żejda u protezzjoni li hi kumpatibbli mal-libertà hi li jinstabu soluzzjonijiet li jindirizzaw il-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilità intellettwali mingħajr ma joħonqulha ħajjitha.



Ovvjament mhux il-familji kollha għandhom ir-riżorsi biex isibu u jimplimentaw is-soluzzjonijiet. Hi għal din ir-raġuni li hu importanti li jkun hemm servizzi adegwati ta' assistenza personali. Meta persuna b'diżabilità intellettwali jkollha assistent personali tkun tista' tgawdi l-libertà li għandu ħaddieħor biex jagħmel għażliet dwar ħajtu filwaqt li jkollha l-protezzjoni tas-sapport li hi tinħtieġ.

**Dr Anne-Marie Callus**
***Dipartment għall-Istudji dwar id-Diżabilità, Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, Università ta' Malta.***

Is-suġġett tal-protezzjoni kien diskuss f'konferenza li ttellgħet mill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità flimkien mal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà u d-Dipartiment għall-Istudji dwar id-Diżabilità. Il-preżentazzjoni jistgħu jinkisbu minn dan is-sit: https://crpd.org.mt/events-and-conferences/#1571832596297-c6348f35-9730.

Ara wkoll ir-riċerka dwar il-protezzjoni żejda fil-ħajja tal-persuni b'diżabilità intellettwali li tista' tinkiseb minn dan is-sit: https://www.um.edu.mt/socialwellbeing/disabilitystudies/projects/inclusiveresearchproject